Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, is-17 ta' Lulju, 2006, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/50/2006. Ittestjar analitiku ta' kampjuni tad-drenaġġ (drenaġġ mhux ipproċessat).

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-18 ta' Lulju, 2006, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/49/2006. Provvista ta' *citric acid*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, l-20 ta' Lulju, 2006, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/51/2006. Provvista ta' vannijiet bit-twieqi.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-25 ta' Lulju, 2006, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/36/2006. Tindif tad-drenaġġ għal Malta u Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

Advt. No. WSC/T/47/2006. Period contract for the supply of xerographic paper.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Friday, 14th July, 2006 for:-

Advt. No. WSC/T/45/2006. U-PVC pipes and fittings for wastewater operations.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Monday, 17th July, 2006 for:-

Advt. No. WSC/T/50/2006. Analytical testing of wastewater samples (crude sewage).

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 18th July, 2006 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/49/2006. Supply of citric acid.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Thursday, 20th July, 2006 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/51/2006. Supply of window vans.

A fee of Lm15 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 25th July, 2006 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/36/2006. Sewer cleaning for Malta and Gozo.

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, is-27 ta' Lulju, 2006, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/38/2006. *Gunmetal tapping ferrules.*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. CT/WSC/T/39/2006. *Gunmetal below ground stopcocks.*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Lulju, 2006, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

*Avviż Nru. WSC/T/52/2006. *XLPE insulated armoured cables.*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-1 ta' Awissu, 2006, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/40/2006. Provvista u konsenja ta' vetturi bil-mutur.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-8 ta' Awissu, 2006, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/34/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' pajpijiet tal-*polyethylene*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta.

Id-data ta' l-għeluq ta' din l-offerta ġiet estiża minn nhar it-Tlieta, l-1 ta' Awissu 2006.

*Avviż li qieghed jidher ghall-ewwel darba

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-*Cash Office,* Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Ħal Luqa, u aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' dawn l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-*Procurement* u *Stores,* Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 05, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-30 ta' Ġunju, 2006

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Thursday, 27th July, 2006 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/38/2006. Gunmetal tapping ferrules.

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

Advt. No. CT/WSC/T/39/2006. Gunmetal below ground stopcocks.

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Friday, 28th July, 2006 for:-

*Advt. No. WSC/T/52/2006. XLPE insulated armoured cables.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 1st August, 2006 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/40/2006. Supply and delivery of motor vehicles (light cars).

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 8th August, 2006 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/34/2006. Period contract for the supply of polyethylene pipes.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

The closing date of this tender has been extended from Tuesday, 1st August 2006.

*Advertisement appearing for the first time

Forms of tenders may be obtained from the Cash Office, Water Services Corporation, Luqa and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Procurement and Stores Office, Triq Hal Qormi, Luqa LQA 05, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

30th June, 2006

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Kmandant, Forzi Armati ta' Malta, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, l-20 ta' Lulju 2006, fl-Uffiċċju tal-Finanzi, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

AFM Avviż Nru. 17/06. Provvista ta' oġġetti tas-sodda - Forzi Armati ta' Malta.

Il-formoli ta' l-offerti u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Finanzi, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn is-7.00 a.m. u s-1.30 p.m.

It-30 ta' Ġunju, 2006

ARMED FORCES OF MALTA

The Commander, Armed Forces of Malta, notifies that:–

Sealed tenders will be received by the Finance Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Luqa, up to noon of Thursday, 20th July 2006, for:–

AFM Advt. No. 176/06. Supply of bedding items – Armed Forces of Malta.

Tender forms and further information may be obtained from the Finance Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Luqa, during any working day between 7.00 a.m and 1.30 p.m.

30th June, 2006

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Lulju, 2006, fil-kaxxa ta' l-offerti mmarkata "A" fl-uffiċċju ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, Triq Sa Maison, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 725/PTD/06. Disinjar u produzzjoni ta' l-iskedi tal-karozzi tal-linja.

Il-formoli tad-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mid-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi fl-istess Awtorità f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar għall-ħlas ta' Lm25.00.

It-30 ta' Ġunju, 2006

THE MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box marked "A" at the office of the Malta Transport Authority, Triq Sa Maison, Floriana, up to 10.00 a.m. of Friday, 14th July, 2006, for:-

Advt No. 725/PTD/06. Design and generation of bus schedules.

Forms of tender documents may be obtained from the Corporate Services Directorate of the same Authority on any working day between 8.30 a.m. and noon at a fee of Lm25.00.

30th June, 2006

MINISTERU GĦALL-INVESTIMENT, INDUSTRIJA U T-TEKONOLOĠIJA TA' L-INFORMAZZJONI

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, jgħarraf li sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Lulju, 2006, fil-kaxxa tal-RFP li tinsab fil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, Palazzo Verdelin, 111, Triq l-Arċisqof, Valletta CMR02, jintlaqgħu talbiet għall-proposti għall-iżvilupp ta' *E-learning vision strategy* u *action plan* għal Malta. Sottomissjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Kopja ta' l-RFP tista' titniżżel mill-*website:* www.miti.gov.mt

It-30 ta' Ġunju, 2006

MINISTRY FOR INVESTMENT, INDUSTRY AND INFORMATION TECHNOLOGY

The Permanent Secretary, Ministry for Investment, Industry and Information Technology, notifies that request for proposals will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 21st July, 2006, in the RFP box located at the Ministry for Investment, Industry and Information Technology, Palazzo Verdelin, 111, Triq l-Arċisqof, Valletta CMR02, for the development of an E-learning vision strategy and action plan for Malta. Late submissions will not be considered.

A copy of the RFP can be downloaded from the website: www.miti.gov.mt

30th June, 2006

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Ir-Rettur jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, id-19 ta' Lulju, 2006, jintlaqgħu "espressjonijiet ta' interess" magħluqin għal:-

UM/1178. Sejħa għal Espressjoni ta' Interess minn fornituri stabbiliti ta' oġġetti ta' l-i*stationery* biex ikunu rreġistrati bħala l-Fornituri ta' l-I*stationery* Approvati ta' l-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5.25 (inkluża l-VAT) għal kull dokument ta' l-offerta.

L-espressjonijiet ta' interess għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kondizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Purchasing* u *Supplies,* l-Università ta' Malta, l-Imsida, (Kamra 316A, Bini ta' l-Amministrazzjoni) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Il-ħlas għandu jsir fil-*Cash Office,* Bini ta' l-Amministrazzjoni, matul l-istess ħinijiet.

Il-pubbliku jista' jattendi matul il-ftuħ u l-għoti ta' l-espressjonijiet ta' interess nhar l-Erbgħa, id-19 ta' Lulju, 2006, fl-10.15 a.m. f'Kamra 300A, Bini ta' l-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta, l-Imsida.

It-30 ta' Ġunju, 2006

UNIVERSITY OF MALTA

The Rector notifies that:-

Sealed "calls for expression of interest" will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 19th July, 2006 for:-

UM/1178. Call for Expression of Interest from established stationery items suppliers to be registered as Approved Stationery Items Suppliers to the University of Malta.

A document fee of Lm5.25 (inclusive of VAT) should be paid.

The expressions of interest should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Purchasing and Supplies Section, University of Malta, Msida, (Room 316A, Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon. Payment should be effected at the Cash Office, Administration Building, during the same times.

The public may attend during the opening and scheduling of this expression of interest on Wednesday, 19th July, 2006 at 10.15 a.m. in Room 300A, Administration Block, University of Malta, Msida.

30th June, 2006

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Ir-Rettur jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, id-19 ta' Lulju, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. UM/1179. Provvista, konsenja, stallazzjoni u kummissjonar ta' *airconditioning units* lill-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5.25 (inkluża l-VAT) għal kull dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kondizzjonijiet relativi u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Purchasing* u *Supplies,* Dipartiment tal-Finanzi, l-Università ta' Malta, l-Imsida, (Kamra 316A, Bini ta' l-Amministrazzjoni) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Il-ħlas għandu jsir fil-*Cash Office,* Bini ta' l-Amministrazzjoni, matul l-istess ħinijiet.

Il-pubbliku jista' jattendi matul il-ftuħ u l-għoti ta' l-offerti nhar l-Erbgħa, id-19 ta' Lulju, 2006, fl-10.15 a.m. f'Kamra 300A, Bini ta' l-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta, l-Imsida.

It-30 ta' Ġunju, 2006

UNIVERSITY OF MALTA

The Rector notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 19th July, 2006 for:-

Advt. No. UM/1179. Supply, delivery, installation and commissioning of airconditioning units for the University of Malta.

A document fee of Lm5.25 (inclusive of VAT) should be paid.

Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Purchasing and Supplies Section, Finance Department, University of Malta, Msida, (Room 316A, Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon. Payment should be effected at the Cash Office, Administration Building, during the same times.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders on Wednesday, 19th July, 2006 at 10.15 a.m. in Room 300A, Administration Block, University of Malta, Msida.

30th June, 2006

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Lulju, 2006 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. PFI Nru. 2419. *Internal standards* għal *GC/GCMS analysis*.

Kwot. PFI Nru. 2420. *Ceftraixone 2G injections*.

Kwot. PFI Nru. 2421. Materjal mhux minsuġ 1000x1000.

Il-*PFI's* imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-30 ta' Ġunju, 2006

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Friday, 7th July, 2006, for:-

Quot. PFI No. 2419. Internal standards for GC/GCMS analysis.

Quot. PFI No. 2420. Ceftraixone 2G injections.

Quot. PFI No. 2421. Non-woven material 1000x1000.

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

30th June, 2006

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA –
TAQSIMA TAL-PROĠETTI

Id-Direttur Ġenerali (Saħħa) jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-8 ta' Awissu, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż. Nru. CAP. T 34/06. Provvista ta' *crash cart with monitor defibrillator/automated external defibrillator*.

Avviż Nru. CAP. T 35/06. Provvista ta' *digital process challenge device*.

Avviż Nru. CAP. T 36/06. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' sistema ta' l-*air-conditioning*.

Avviż Nru. CAP. T 37/06. Provvista ta' mwiżen elettroniċi.

Avviż Nru. CAP. T 38/06. Provvista ta' *blood cooling cartridges*.

Avviż Nru. CAP. T 39/06. Provvista ta' *portable defibrillator/automated external defibrillator*.

Il-formoli ta' l-offerti u aktar tagħrif dwar il-kondizzjonijiet ta' dawn l-offerti jinkisbu mit-Taqsima tal-Proġetti, Bini tal-*Medical Stores,* Pjazza San Luqa, Guardamangia, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-30 ta' Ġunju, 2006

HEALTH DIVISION –
PROJECTS SECTION

The Director General (Health) notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 8th August, 2006, for:-

Advt. No. CAP. T 34/06. Supply of crash cart with monitor defibrillator/automated external defibrillator.

Advt. No. CAP. T 35/06. Supply of digital process challenge device.

Advt. No. CAP. T 36/06. Supply, installation and commissioning of an air-conditioning system.

Advt. No. CAP. T 37/06. Supply of electronic weighing scales.

Advt. No. CAP. T 38/06. Supply of blood cooling cartridges.

Advt. No. CAP. T 39/06. Supply of portable defibrillator/automated external defibrillator.

Forms of tenders and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Projects Section, Medical Stores Building, St Luke's Square, Guardamangia on any working day from 8.30 a.m. to noon

30th June, 2006

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Lulju, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 51-06. Rinovar ta' żewġ *playgrounds* fl-Iskejjel Primarji 'A' u 'B', iż-Żurrieq.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, l-24 ta' Lulju, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 52-06. Provvista u konsenja ta' għamara għal-laboratorju tal-*computer* għall-Blokk il-Ġdid tal-*Lectures* fl-Iskola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi, in-Naxxar.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. Nru. 21387664, *Fax* Nru. 21387660) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2005 (A.L. 177 ta' l-2005) dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali) kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis f'nofsinhar.

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-30 ta' Ġunju, 2006

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 21st July, 2006, for:-

Advt. No. FTS 51-06. Refurbishment of two playgrounds at the Primary Schools 'A' and 'B', Żurrieq.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Monday, 24th July, 2006, for:-

Advt. No. FTS 52-06. Supply and delivery of computer laboratory furniture for the New Lecture Block at Giovanni Curmi Higher Secondary School, Naxxar.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and noon.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at the above mentioned address.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders) every Tuesday and Thursday at noon.

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

30th June, 2006

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U IMPIEG

Kunsill Malti għall-Kwalifiki

Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg, jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, l-10 ta' Lulju, 2006, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għall-*website* għall-Kunsill Malti għall-Kwalifiki.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mit-Taqsima ta' l-*Accounts* tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg, il-Furjana (Kamra 429) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-kwotazzjonijiet għandhom ikunu magħluqa f'*envelope* indirizzat minn qabel u mitfugħa fil-Kaxxa tal-Kwotazzjonijiet f'Kamra 429, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg, il-Furjana.

It-30 ta' Ġunju, 2006

MINISTRY OF EDUCATION, YOUTH AND EMPLOYMENT

Malta Qualifications Council (MQC)

The Ministry of Education, Youth and Employment, Floriana, notifies that:-

Sealed quotations will be received up to noon of Monday, 10th July, 2006, for the setting up of a website for the Malta Qualifications Council.

Quotations should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Accounts Section of the Ministry of Education, Youth and Employment, Floriana (Room 429) on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Quotations should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Quotation Box, located at Room 429, Ministry of Education, Youth and Employment, Floriana.

30th June, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1109

Ikun jaf kulhadd illi l-Qorti Ċivili Prim,'Awla permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' April 2006, fl-atti tar-Rikors 165/06, fl-ismijiet Vincent Camilleri ID 830146(M) kontra Emmanuel Camilleri ID 868250(M) u martu Carmen Camilleri ID 70752(M), ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-Rikors maħluf (Ġurament) li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti jisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża.

Vincent Camilleri ID 830146M

Vs

Emmanuel Camilleri ID 868250(M) u
martu Carmen Camilleri ID 70752M

Rikors ġuramentat ta' l-attur Vincent Camilleri;

Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma dan li qiegħed jiddikjara:

It is hereby notified that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 21st April 2006, in the records of the Application 165/06, in the names Vincent Camilleri ID 830146(M) against Emmanuel Camilleri ID 868250(M) and his wife Carmen Camilleri ID 70752(M) ordered the following publication for the purpose of service of the defendants in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Thus it is in the interest of who receives this sworn Application to consult a lawyer without delay so that the Court may hear what he has to say in the cause.

Vincent Camilleri ID 830146M

Vs

Emmanuel Camilleri ID 868250(M)
and his wife Carmen Camilleri ID 70752M

Sworn Application of the plaintiff Vincent Camilleri;

Pleads with respect and confirms what he is declaring:

1. B'kuntratt ta' enfitewsi temporanja magħmul fl-għaxra (10) ta' April tas-sena elf disa' mija u wieħed u sebgħin, fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Grech, l-attur akkwista mingħand il-Kummissarju ta' l-Art biċċa art fil-Housing Estate ta' Ħaż-Żabbar, …Omissis…soġġetta din il-biċċa art in kwistjoni għaċ-ċens ta' tnax-il lira Maltija (Lm12) fis-sena, għaż-żmien ta' mija u ħamsin sena, li bdew jgħaddu mid-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u sebgħin (1970) (Dokument VC1);

2. Il-kondizzjoni kontrattwali numru tlieta (3) ta' din il-konċessjoni enfitewtika kienet tgħid illi l-attur jagħmel benefikati permanenti ta' bini fuq din il-biċċa art tal-valur ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt lira skond il-pjanti approvati mill-Kummissarju ta' l-Art (Dokument VC1);

3. L-attur ħa ħsieb li jsiru l-benefikati ta' bini fuq din il-biċċa art in kwistjoni, kif kien marbut li jagħmel, … Omissis…

4. L-imsemmija konċessjoni enfitewtika saret matul iż-żwieġ ta' l-attur ma' Catherine Camilleri bint il-mejtin Vincent Busuttil u Rosaria neé Galea mwielda ż-Żejtun, bil-karta ta' l-identità numru 61446(M);

5. L-attur issepara minn ma' l-imsemmija martu b'sentenza ta' din il-Qorti tas-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990) Ċitazzjoni 863/1982) li biha l-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet teżisti bejniethom ġiet illikwidata u maħlula. Lill-attur ġie assenjat in-nofs indiviż tad-dar mibnija fuq il-biċċa art mogħtija lilu bl-imsemmija enfitewsi temporanja;

6. B'kuntratt ta' l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia, mart l-attur l-imsemmija Catherine Camilleri, debitament awtorizzata b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili mogħti dak il-jum stess, assenjat u ttrasferiet b'titolu ta' donazzjoni a favur ta' l-attur in-nofs indiviż tad-dar li l-attur kien bena fuq il-biċċa art mogħtija lilu bl-imsemmi kuntratt ta' enfitewsi temporanja (Dokument VC2);

7. Mid-data ta' dan il-kuntratt ta' donazzjoni, l-attur beda jippossjedi l-intier ta' l-utili dominju ta' l-imsemmija biċċa art li ngħatatlu b'enfitewsi temporanja mill-Gvern u tad-dar mibnija fuqha illum numru wieħed (1), Triq il-Luq, Government Housing Estate, Ħaż-Żabbar;

8. Fil-preżent l-imsemmija dar hija fil-fatt okkupata minn ħu l-attur u martu konvenuti f'din il-kawża …Omissis…

1. By a deed of temporary emphyteusis made on the tenth (10) of April of the year one thousand nine hundred and seventy one in the records of Notary Dr. Alexander Grech, the plaintiff had acquired from the Commissioner of Land a plot of land in the Housing Estate, in Żabbar…Omissis…subject the plot of land in question to the groundrent of twelve Maltese Liri (Lm12) per annum, for the period of one hundred and fifty years which started to run from the ninth (9) of November of the year one thousand nine hundred and seventy (Document VC1);

2. The contractual condition number three (3) of this emphyteutical concession stated that the plaintiff made permanent building improvements on this plot of land of not less than one thousand five hundred liri according to the plans approved by the Commissioner of Land (Document VC1);

3. The plaintiff saw that building improvements on the building of land in question be made, as he was bound to do…Omissis…

4.The said emphyteutical concession was made during the marriage of the plaintiff with Catherine Camilleri daughter of the late Vincent Busuttil and Rosaria neé Galea born in Żejtun, having identity card Number 61446(M);

5. The plaintiff separated from the said wife by a judgement of this Court of the (16)th October of the year one thousand one hundred and ninety (1990) Writ of Summons 863/1982) in virtue of which the community of acquests which existed between them was liquidated and dissolved. To the plaintiff was assigned one half undivided of the house built on the same plot given to him by the said temporary emphyteusis;

6. By a contract of the 24th July of the year one thousand nine hundred and ninety five made in the records of Notary Dr. Marco Farrugia, the wife of the said plaintiff the said Catherine Camilleri duly authorized by a decree of the Second Hall of the Civil Court given on that day, transferred by title of donation in favour of the plaintiff, one half undivided of the house that the plaintiff had build on the plot of land given to him, by the said contract of temporary emphyteusis (Document VC2);

7. From the date of this contract of donation, the plaintiff started to possess the entire utile dominium of the said plot of land which was given to him by temporary emphyteusis by the Government and of the house built thereon today number one (1) in Luq Street, Government Housing Estate, Żabbar;

8. At the present the said house is infact occupied by the brother of the plaintiff and his wife defendants in this cause…Omissis…

9. L-attur għamel minn kollox biex jasal f'xi forma ta' l-ftehim mal-konvenuti iżda bi skuża jew oħra l-konvenuti baqgħu ma ħarġulux;

10. B'ittra uffiċjali li ppreżenta f'din il-Qorti fid-29 ta' Marzu 2005, l-attur sejjaħ formalment lill-konvenut biex jiżgumbraw mill-fond tiegħu numru (1) Triq il-Luq, Government Housing Estate, Żabbar,... Omissis... u billi l-konvenuti ma tawhx widen u baqgħu ma ħarġulux, l-attur kellu jagħmel din il-kawża.

Għaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiddikjara li l-attur jippossjedi waħdu l-utili dominju temporanju tal-biċċa art immarkarta plot tmienja u għoxrin (28) fil-Housing Estate Żabbar,... Omissis...

2. Tiddikjara li l-attur jippossjedi waħdu l-utili dominju temporanju tal-benefikati permanenti li hemm fuq din l-istess biċċa art li qabel kienet immarkata plot tmienja u għoxrin (28) ġo Government Housing Estate, Ħaż-Żabbar, illum dar numru wieħed (1), Triq il-Luq, Government Housing Estate, Ħaż-Żabbar.

3. Tiddikjara li l-konvenuti qegħdin jokkupaw il-bini li qiegħed fuq il-plot tmienja u għoxrin (28) fil-Housing Estate ta' Ħaż-Żabbar, jiġifieri d-dar numru wieħed (1), Triq il-Luq, Government Housing Estate, Ħaż-Żabbar, bla ebda titolu validu fil-liġi wara li ġew debitament u formalment imsejħa biex jiżgumbraw minnha;

4. Tordna li l-konvenuti jiżgumbraw mill-fond numru wieħed (1), Triq il-Luq, Government Housing Estate, Ħaż-Żabbar, u dan fi żmien qasir u perentorju li din il-Qorti jogħġobha tiffissa.

Bl-ispejjeż, kif jingħad fir-rikors kontra l-konvenuti li minn issa msejħa biex jidhru u għas-subizzjoni.

Konvenuti: 1, Triq il-Luq, Government Housing Estate, Ħaż-Żabbar.

Ir-Rikors Numru 165/2006 RCP, fl-ismijiet Camilleri Vincent vs Camilleri Emmanuel et jinsab differit għat-3 ta' Ottubru 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

9. The plaintiff did all he could to arrive at some form of agreement with the defendants but with one excuse or another the defendants did not leave;

10. By a judicial letter which he filed in this Court on the 29th March 2005, the plaintiff formally asked the defendant to vacate from his premises number (1) in Luq Street Government Housing Estate, Zabbar...Omissis...and as the defendants did not take care and did not leave , the plaintiff had to file this cause.

Thus the plaintiff prays with respect that this Honourable Court decides by:

1. Declaring that the plaintiff possesses alone the temporary utile dominium of the plot of land marked number twenty eight (28) in the Housing Estate, Żabbar,...Omissis...

2. Declares that the plaintiff possess alone the temporary utile dominium of the permanent improvements there are on the same plot of land which was marked before plot twenty eight (28) in Government Housing Estate, Żabbar, today house number one (1) in Luq Street, Government Housing Estate, Żabbar.

3. Declare that the defendants are occupying the building which is on plot twenty eight (28) in the Housing Estate Żabbar, that is the house number one (1) in Luq Street, Government Housing Estate, Żabbar, without any valid title at law after they were duly notified to evict;

4. To order the defendants to vacate the premises number (1) in Luq Street, Government Housing Estate, Żabbar and this within a short and peremptory period that this Court shall fix.

With costs , as stated in the Writ of summons against the defendants who are called to appear and so that a reference to their oath be made.

Defendants: 1, Luq Street, Government Housing Estate, Żabbar.

The Application Number 165/2006 RCP, in the names Camilleri Vincent vs Camilleri Emmanuel et has been put off to the 3rd October 2006 at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 26th June 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1110

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-16 ta' Ġunju 2006, minn Michael Cilia u oħrajn, Rikors numru 424/2006, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur ulied il-mejjet Francesco (ħu d-decujus) u cioè favur Michael, Rita, John, George, Margaret u Anna aħwa Cilia u dan fi kwota ta' parti waħda minn erbgħa u għoxrin parti (1/24) indiviża kull wieħed u waħda minnhom; favur l-eredità ta' Giuseppe Cilia (ħu d-decujus) u dan fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż bejniethom, liema eredità hija regolata b'żewġ testamenti wieħed tat-3 ta' Lulju 1985, u l-ieħor tas-17 ta' Mejju 2002, it-tnejn in atti Nutar Dottor Antoine Agius; favur George Cilia, bin il-mejjet Anthony (ħu d-decujus) u dan fi kwota ta' parti waħda minn tmienja (1/8) indiviża; favur l-eredità ta' Maria Carmela Cilia (oħt id-decujus) u dan fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż bejniethom, liema eredità hija regolata permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 11 ta' April 2006; u favur l-eredità ta' Francis Cilia, bin il-mejjet Anthony (ħu d-decujus) cioè favur Katerina Cilia, omm l-istess Francis Cilia, u l-istess George Cilia ħu l-istess Francis Cilia, u dan fi kwota ta' parti waħda minn sittax-il parti (1/16) indiviża kull wieħed u waħda minnhom, is-SUĊĊESSJONI ta' Carmelo Cilia, ġuvni, iben il-mejjet Giorgio u Giuseppa neé Mifsud, imwieled u kien joqgħod Qormi u miet Pietà fid-9 ta' Ġunju 2003, ta' 86 sena u kellu karta ta' l-identità numru 81217(M) u li miet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontartja), illum 27 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 16th June 2006, by Michael Cilia and others, Application number 424/2006, whereby they asked that it be declared open in favour of the children of the late Francesco (brother of the decujus) and that is in favour of Michael, Rita, John, George, Margaret and Anna brothers and sisters Cilia, and this in the quota of one-twenty-fourth (1/24) undivided share in favour of each one of them, in favour of the inheritance of Giuseppe Cilia (brother of the decujus) and this in the quota of one-fourth (1/4) undivided share between them, which inheritance is regulated by two wills one of the 3rd July 1985, and the other of the 17th May 2002, both in the records of Notary Dr. Antoine Agius; in favour of George Cilia, son of the late Anthony (brother of the decujus) and this in the quota of one-eight undivided share; in favour of the inheritance of Maria Carmela Cilia (sister of the decujus) and this in the quota of one-fourth (1/4) undivided share between them, which inheritance is regulated by means of a decree of this Honourable Court dated 11th April 2006; and in favour of the inheritance of Francis Cilia, son of the late Anthony (brother of the decujus) that is in favour of Katerina Cilia, mother of the same Francis Cilia, and the same George Cilia brother of the same Francis Cilia, and this in the quota of one-sixteenth (1/16) undivided share the SUCCESSION of Carmelo Cilia, bachelor, son of the late Giorgio and Giuseppa neé Mifsud, who was born and resided in Qormi and died in Pietà on the 9th June 2003, aged 86 and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 27th June 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1111

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tas-26 ta' April 2006, il-Qorti Ċivili Prim Awla, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi.

Lill-Marixxall tal-Qrati.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-26 ta' April 2006, fuq talba ta' Simon Aquilina et, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Ersilia Vella fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu u fidi ta' ċens fl-ismijiet Simon Aqulina et vs Ersilia Vella, u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

It is hereby notified that by a decree on the 26th April 2006, the First Hall Civil Court, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators.

To the Marshall of the Courts.

Whereas by a decree given by this Court on the 26th April 2006, following a request of Simon Aqulina et, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Ersilia Vella in the records of the Schedule of Deposit and redemption of groundrent in the names Simon Aqulina et vs Ersilia Vella, and in the relative and subsequent acts.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu u fidi ta' ċens ippreżentata fil-25 ta' April 2006, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Simon Aquilina u martu Isabella Aquilina, l-esponenti Simon Aquilina et, esponew bir-rispett;

Illi l-esponenti huma l-propretarji ta' l-appartament illi jinsab fl-ewwel sular ta' Korp ta' bini sovrapost għal garage ta' proprjetà ta' terzi u sottopost għall-beni ta' terzi, liema korp ta' bini bla numru, jismu Perkin Warbeck, f'Carob Street, Santa Venera, konfinanti dan il-blokk ta' bini mit-tramuntana mill-imsemmija Triq, Lvant ma' beni ta' Joseph Vella jew l-aventi kawża tiegħu u mill-punent ma' beni ta' Antonio Cuschieri suġġett l-appartament riferit ta' l-esponenti għar-rata tiegħu ta' ċens annwu u perpetwu ta' Lm10.

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà konċessa lilhom mil-Liġi li jifdu dan iċ-ċens.

Illi ċ-ċens riferit kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija jammonta għas-somma ta' Lm200.

Għaldaqstant l-esponenti qed jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħhom qed jiddepożitaw l-imsemmija somma ta' Lm200 biex din is-somma tkun tista' tiġi liberament żbankata mill-intimat prevja l-ħruġ tad-debita riċevuta skond il-liġi.

Depożitanti: Flat 1, Perkin Warbeck, Carob Street, Santa Venera.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f' dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Tonio Mallia, LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum 26 ta' April 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Ġunju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a Schedule of Deposit and redemption of groundrent filed on the 25th April 2006, in the First Hall Civil Court, in the names Simon Aquilina and his wife Isabella Aqulina, the interpellant Simon Aquilina et, pleaded with respect;

That the interpellants are the owners of the flat which is situated in the first floor of the Block of building overlying the garage property of third parties and underlying property of third parties, which block of building is without number, named Perkin Warbeck, in Carob Street, Santa Venera, bordering this block of building on the North, with the mentioned Street, on the East with property of Joseph Vella or his successors in title and on the West with property of Antonio Cuschieri subject the apartment referred to of the interpellants, to its rate of annual and perpetual groundrent of Lm10.

That the interpellants wish to avail themselves of the faculty granted to them by Law to redeem this groundrent.

That the groundrent referred to capitalized at the rate of five per cent amounts to Lm200.

Thus the interpellant is calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the sum of Lm200 so that this sum be freely withdrawn by the respondent saving the issue of the due receipt according to law.

Depositors: Flat 1, Perkin Warbeck, Carob Street, Santa Venera.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days , and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the exexcution of the said ban, you are to inform this Court forthwith.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Tonio Mallia, LL.D., Doctor of Laws.

Today 26th April 2006.

Registry of the Superior Courts today 27th June 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*